MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 220/2004

**Avviz numru 220/04DM**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Unicar Car Hire Services Ltd u b'nota tas-6 ta' Mejju, 2004, Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Unicar Car Hire Services Ltd assumiet l-atti fil-vesti ta' l-attur minflok is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc u l-istess Unicar Car Hire Services Ltd**

**Vs**

**Antoine Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ tlett elef, erba’ mija, sebgha u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm3,477.58) (tlett elef, erba’ mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm3,427.58) lis-socjeta’ attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsin lira Maltin (Lm50) lis- socjeta’ attrici Unicar Car Hire Services Ltd.) in linea ta’ danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Bahar ic-Caghaq fis-17 ta’ Mejju, 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. HAJ 795 habat mal-vettura Nru. DAK 814 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici Unicar Car Hire Services Ltd.u misjuqa minn David Caruana – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Marzu, 2004, u dawk ta’ l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mis-17 ta’ Marzu, 2004, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba ta’ l-atturi u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ tlett elef, erba’mija u sebgha u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm3,477.58) in kwantu ghas-somma ta’ tlett elef, erba’ mija, sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm3,427.58) lis-socjeta’ attrici ‘Elmo Insurance Agency Limited’ u in kwantu ghas-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) lis-socjeta’ attrici ‘Unicar Car Hire Services

Limited' u dana ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, u billi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni illi grat Bahar ic-Caghaq fis-17 ta' Mejju, 2002, bejn il-vettura misjuqa minnu u dik misjuqa minn David Caruana.

Inoltre tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas fuq is-sorte l-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Marzu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------